MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 13/2002/1

**Claudette Gauci**

**vs**

**Anthony Farrugia Company Limited, Chris Gauci, Wallace u Domenica konjugi Fino, David u Angela konjugi Demarco u Price Club Operators Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-7 ta' Jannar, 2002, li in forza taghha wara li ppremettiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta Anthony Farrugia Company Limited qeghda tippretendi li ghab-bazi ta' "*Credit Application Form*" zewgha Chris Gauci impenja ruhu personalment li jaghmel tajjeb ghal dejn ta' terzi u cioe' ghal dejn tas-socejta' Price Club Operators Ltd, kif jidher mill-kawza istitwita mill-istess socjeta' konvenuta fl-ismijiet Anthony Farrugia Company Limited vs Wallace Fino et, (Citazzjoni Numru 1707/01);

2. Illi fid-data tal-iffirmar ta' l-imsemmija "*credit application form"* u cioe' f'Settembru 1999, bejn il-konjugi Gauci kienet tezisti l-kommunjoni ta' l-akkwisti, li giet xolta permezz ta' kuntratt ppubblikat fit-30 ta' Awissu 2001;

3. Illi l-iffirmar tal-"*credit application form"* imsemmija mill-konvenut Chris Gauci tista' tikkostitwixxi kuntratt ta' garanzija kif kontemplat fl-Artikolu 1322 (3) (h) tal-Kodici Civili, u ghalhekk tali att bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju kien jirrikjedi l-kunsens ta' martu l-attrici wkoll;

4. Illi l-attrici saret taf b'tali dokument u obbligazzjoni mehuda minn zewgha biss meta giet notifikata bic-citazzjoni numru 1707/01 fuq imsemmija;

5. Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha ghal tali azzjoni u obbligazzjoni u ghalhekk dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja tal-konvenut Chris Gauci huwa annullabbli minn martu l-attrici skond il-ligi;

6. Illi tali att ta' amministrazzjoni straordinarja sar minghajr il-kunsens tal-attrici u ad insaputa taghha u ghalhekk ma jeffettwax l-assi u l-passivi tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tirregola s-sistema taz-zwieg taghhom sat-30 ta' Awissu 2001;

7. Illi dik il-garanzija inghatat ukoll b'titolu gratwit;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-obbligazzjoni personali li ha l-konvenut zewgha Chris Gauci sabiex jaghmel tajjeb ghal dejn tas-socjeta' konvenuta Price Club Operators Limited, kif fuq spjegat, hija nulla fil-konfront tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u ma taffettwax l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-konjugi Gauci;

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-garanzija moghtija minn zewgha l-konvenut Chris Gauci a favur tal-kumpanija konvenuta Anthony Farrugia Company Limited kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull dritt kontra l-konvenuti skond il-ligi.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Anthony Farrugia Company Limited li in forza taghha ecceppiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistghux jigu milqugha stante li:

1. L-iffirmar tal-*credit application form* minn zewg l-attrici kien ghalih att normali ta' gestjoni ta' kummerc u negozju fit-termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kapitolu 16, u, ghalhekk, jorbot anke' l-komunjoni ta' l-akkwisti, u mhux necessarju li l-attrici tkun parti fuq dak id-dokument;

2. Anke' kieku jigi koncess, (li qed jigi kontestat) li l-att twettaq minghajr il-kunsens ta' l-attrici, m'humiex sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artikolu 1326 tal-Kapitolu 16, billi l-obbligazzjoni assunta minn zewgha fl-imsemmi dokument ma tikkrea l-ebda jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli u lanqas ma nghataw minnu jeddijiet fuq mobbli b'titolu gratwitu. Bis-sahha ta' l-imsemmi dokument, zewgha nghata diversi koncessjonjiet mis-socjeta' eccipjenti, indubbjament kollha vantaggjuzi u a beneficcju tan-negozju tieghu;

3. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-Nota ta’ David u Angela konjugi Demarco li biha ddikjaraw illi l-interess guridiku taghhom f’din il-kawza huwa identiku ghall-interess guridiku tal-konjugi Gauci fl-istess kawza;

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment ma’ kawzi ohra bl-istess meritu jew meritu simili, u cioe’, dawk bin-numri 10/2002, 11/2002, 12/2002, 14/2002 u 1774/01, ilkoll pendenti quddiem din l-istess Qorti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Il-meritu ta’ din il-kawza hu, tista’ tghid, simili ghall-meritu tal-kawza li l-istess attrici fethet biex tipprova timpunja kuntratt simili ghal dak meritu ta’ din il-kawza li zewgha ffirma mas-socjeta’ Paolo Bonnici Ltd (citazzjoni numru 14/02). F’dik il-kawza, li wkoll giet deciza llum stess, din il-Qorti dahlet fl-argumenti kollha li gew sollevati, u kkonkludiet li l-att impunjat huwa att validu li r-ragel iffirma fil-kors normali tal-esercizzju tal-kummerc u tan-negozju, u li dak l-att jorbot ukoll lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Gauci. Peress li l-komunjoni tal-akkwisti kienet sussegwentement giet xolta, gie dikjarat li l-obbligi

li jitnizzlu mill-att jolqtu lill-assi parafernali taz-zewg konjugi Gauci in solidum.

Il-Qorti, ghalhekk, taghmel referenza ghas-sentenza li tat f’dik il-kawza u, a skans ta’ ripetizzjoni, issir referenza ghal motivazzjonijiet taghha li ghandhom japplikaw ukoll ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi previa li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta Anthony Farrugia Co. Ltd, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------